ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IT-TMIEN KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 04** **L-ERBGĦA, 25 TA' SETTEMBRU 2019**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Settembru 2019, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Renald Falzon (Sindku),
Ralph Puli (Kunsillier),
Donnha Barbara (Kunsillier),
Charlie Cuschieri (Kunsillier),
Daniel Ablett (Kunsillier),
Marvin Zammit (Kunsillier),
Sean Apap Meli (Kunsillier),
Martina Grech (Kunsillier)
George Muscat (Kunsillier)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jerome Caruana Cilia (Kunsillier)

**ASSENTI**

Josef Masini Vento (Viċi Sindku),

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**TALBA**

Is-Sindku Renald Falzon ippresieda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**03/01 QARI TA’ ITTRI TA’ APOLOĠIJI**

**03/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-ittri ta’ apoloġija ppreżentati mill-kunsillier Jerome Caruana Cilia.

Il-Kunsill qabel li l-assenza hija ġustifikata u għaldaqstant approva l-ittri ta’ apoloġija tal-kunsillier Jerome Caruana Cilia.

**03/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 03**

**Is-Sindku Renald Falzon** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 02 li nżammet nhar it-Tnejn, 5 ta’ Settembru 2019 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** talab korrezzjoni tal-Minuti kif ġej:

*“Is-Sindku Renald Falzon infurma li nżammet il-laqgħa mal-Management ta’ Centerparc fejn wara spjega tal-proġett ġie maqbul li l-Kunsill joħroġ No Objection għat-tibdil fis-Central Local Plan, bil-kundizzjonijiet li ġejjin,* ***kif propost mill-Kunsillier Ralph Puli’***

*Il-korrezzjoni mitluba ġiet milqugħa u l-Minuti ġew korretti kif mitlub u ffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv**.***

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**04/03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**04/03/01** **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li l-laqgħa ta’ konsultazzjoni mar-residenti ta’ Triq il-Belt Valletta, Triq Għadira u Fuq Tal-Blat se tinżamm nhar il-Ħamis 3 ta’ Ottubru 2019 fis-6.00p.m.

**04/03/02** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li bħalissa għaddej xogħol mill-ħaddiema tal-Ministeru għat-Turiżmu fuq il-playingfield ta’ Fuq Tal-Blat.

**04/03/03** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li fil-ġranet li ġejjin se jibda’ x-xogħol fuq il-proġett Ewropew ta’ Ġnien is-Sajf.

**Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li matul ix-xahar ta’ Ottubru l-membru huma mistiedna għal dawn l-attivitajiet;

11 ta’ Ottubru – Kantata organizzata mill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri
18 ta’ Ottubru – Serata ta’ Unuri Ġieħ Ħal Qormi u Għarfien il-Ħila
25 ta’ Ottubru – Konsagrazzjoni tal-Knisja ż-Żgħira San Sebastjan

**04/04 MOZZJONIJIET**

**04/04/01 Mozzjoni Nru 14 imressqa mill-Kunsillier Dr. Sean Apap Meli**

Qed nipproponi sabiex il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi kif ħadem fuq il-prassi ta' Ambaxxatur għaż-Żgħazagħ tal-Kunsill Lokali, jidħol f'diskussjonijiet mas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u kif ukoll mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali sabiex anzjani li jkunu mħajra jagħtu sehemhom fil-lokalità, minn fosthom jiġi maħtur Ambaxxatur għall-Anzjani.

Il-Kunsillier Sean Meli spjega li bħala proposta hija li tinħareġ applikazzjoni u tinġabar CV, ssir intervista ma dawk interessati u wara titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**Is-Sindku Renald Falzon** ssekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw Favur **Disa' kunsilliera (**9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni 14/2019 (VIII)

**04/04/02 Mozzjoni Nru 15 imressqa mis-Sindku Renald Falzon**

Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' € 2,303.75 sabiex jiġu nstallati bozoz ġodda f'dawn it-toroq;

- Triq Ġorġ Agius k/m Triq Pawlu Farrugia
- 2 lampi fi Triq Ġorġ Mifsud Chircop
- Triq San Bastjan (wara l-istatwa ta' San Ġorġ)
- Triq Amleto Spiteri k/m Triq Correa fuq arblu

Il-Kunsillier Ralph Puli ssekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw Favur **Disa' kunsilliera (**9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni 15/2019 (VIII)

**04/04/03 Mozzjoni Nru 16 imressqa mis-Sindku Renald Falzon**

Nipproponi li l-Unur Ġieħ Ħal Qormi 2019 jingħata lis-Sur Emanuel Fabri, għall-ħidma li kien u għadu jwettaq fil-qasam sportiv fost il-komunita' qormija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda l-mozzjoni.

Ġiet ippreżentata wkoll il-lista ta' nominati għall-unuri Għarfien il-Ħila.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ppropona li għas-sena d-dieħla l-lista tinżamm qasira kemm jista' jkun sabiex l-unuri jingħataw ċertu valur.

**Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri** ppropona li jekk il-lista, ta' din is-sena hija twila, ċertu nomini għandhom jitħallew għas-sena d-dieħla.

Ivvutaw Favur **Disa' kunsilliera (**9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni 16/2019 (VIII)

**04/05 Terminazzjoni ta' mpjieg fuq probation**

**Is-Sindku Renald Falzon** ppreżenta rapport inħejji mis-Segretarju Eżekuttiv dwar impjegat tal-Kunsill li jinsab fuq probation period.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti spjega tar-rapport.

*Minħabba protezzjoni tad-Data, s-sound tal-live streaming ġie mitfi.*

Il-Kunsill iddiskuta r-rapport imħejji u approva t-terminazzjoni tal-impjieg.

**04/06** ***Ilmenti u Suġġerimenti mill-Kunsilliera***

**04/06/01** ***Il-Kunsillier Sean Meli*** ġibed l-attenzjoni li fi Triq Manwel Dimech hemm Bus Stop li l-bus shelter tiegħu jinsab aktar 'l isfel**.**

**04/06/02** ***Il-Kunsillier Sean Meli*** ppropona li l-Kunsill iressaq talba sabiex z-zebra crossing eżistenti fi Triq Ħal Luqa ma Triq l-Imdina tiċċaqlaq u ssir aktar 'l fuq.

**04/06/03** **Il-Kunsillier George Muscat** talab li jiġu nstallati numru ta' dog bins madwar Ħal Qormi.

**04/06/04** ***Il-Kunsillier George*** Muscat talab li jiġu nstallati bins fis-soft area ta' Triq il-Vitorja, fejn hemm l-istatwa ta' San Ġużepp. Is-Sindku nfurma li fil-passat kien hemm bins u tneħħew minħabba l-fatt li kienu qed jimtlew bil-boroż tal-iskart tar-residenti.

**04/06/05** ***Il-Kunsillier George Muscat*** talab li jiġu nstallati pelican lights minflok il-belisha lights eżistenti mat-tieni zebra crossing fi Triq il-Wied.

**04/06/06** ***Il-Kunsillier Sean Meli*** talab li meta jinqalgħu xi tabelli/bins għall-manutenzjoni, r-residenti jiġu nfurmati b'nota fuq il-post.

**04/06/07** ***Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri*** ġibed l-attenzjoni dwar il-periklu u vandaliżmu li qed iseħħ fil-picnic area ta' Wied is-Sewda***.***

***Is-Sindku Renald Falzon*** infurma li huwa konxju minn dan il-periklu u qed jinġabru stimi sabiex isir fence tal-ħadid, iżda jidher li hemm spejjeż kbar biex dan isir.

**04.07 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar tat-Tnejn 7 ta' Ottubru 2019 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Renald Falzon | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum 7 ta' Ottubru 2019.